# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' Marzu 2024**

**Numru 1**

**Rikors numru 654/05/1 JPG**

**Johanna Abela u b'digriet tat-3 ta' Ġunju, 2013 il-ġudizzju ġie trasfuż fuq Paul u Dorothy konjuġi Abela u Christopher, David u Ann Camilleri, aħwa Abela; u b'digriet tas-27 ta' Settembru, 2021 l-atti ta' Paul Abela ġew trasfużi f'isem martu Maria Dolores *sive* Dorothy Abela *stante* l-mewt tiegħu fil-mori; u b'digriet tal-24 ta' Ottubru, 2022 *stante* l-mewt ta' David Abela l-atti ġew trasfużi f'isem Thomas Abela, Rebecca Abela u Adam Abela u Irina Aleksandrovna Micallef in rappreżentanza tal-minuri Jacob Abela**

**v.**

**HSBC Bank Malta p.l.c**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill**-konvenut appellant HSBC Bank Malta plc [l-Appellant jew il-bank konvenut]** minn sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla mogħtija fl-4 ta' Lulju, 2016 li permezz tagħha laqgħet it-talbiet tal-attriċi Johanna Abela **[l-Attriċi]** fejn iddikjarat li l-proċeduri ta' dixxiplina kontra tagħha quddiem il-Bord ta' Dixxiplina ma segwewx il-prinċipju ta' ġustizzja naturali u kkundannat lill-bank appellant iħallas id-danni.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tat-8 ta' Lulju 2005 l-attriċi fissret li hija impjegata mal-bank konvenut fil-grad ta' Private Clients Manager u kienet awtorizzata mill-Malta Financial Services Authority (MFSA) sabiex tagħti *financial advice* in konnessjoni ma' *high net worth clients*. Fl-1 ta' Marzu 2004, hija ġiet sospiża mill-Bank b'mod indefinit u fit-8 t'April 2004 inħarġet *Letter of Charge* li biha ġiet akkużata bi *gross misconduct*. Premetiet li hija dehret quddiem il-Bord ta' Dixxiplina kompost minn membri tal-*Management* li jiddependu għall-għajxien tagħhom u għall-avvanz fil-karriera tagħhom mill-Bank u nstabet ħatja. Tfisser li hija appellat mid-deċiżjoni, iżda l-Bord tal-Appell ikkonferma fil-maġġor parti

d-deċiżjoni tal-Bord ta' Dixxiplina. Skont l-attriċi kien hemm difetti fondamentali serji fl-imsemmija proċeduri, li jammontaw għal ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali fosthom:

> *"1. Fil-proceduri ta' dixxiplina gie prodott dokument anonimu li ntuza bhala prova kontra taghha;*
>
> *2. L-attrici ma thallietx taghmel kontro-ezami lill-persuni li fornew prova kontra taghha permezz ta' stqarrijiet;*
>
> *3. L-attrici lanqas ma thalliet tressaq xhieda in difesa;*
>
> *4. Il-Bord ta' Dixxiplina u l-Bord ta' l-Appell la kienu indipendenti u wisq inqas imparzjali;*
>
> *5. Wiehed mill-Human Resources Managers tal-Bank, certu Dominic Lewis, li ma kienx jifforma parti minn l-ebda Bord, kien prezenti fid-deliberazzjonijiet tal-Bord ta' Dixxiplina;*
>
> *6. Fid-decizjoni tieghu, il-Bord ta' Dixxiplina sab lill-attrici hatja ta' kaz (Joseph Ellul) li lanqas biss issemma fl-akkuza;*
>
> *7. Kemm qabel kif ukoll waqt il-proceduri ta' dixxiplina, l-access (anke sorveljat) mitlub mill-attrici ghall-files bin-notamenti relattivi gie michud;*
>
> *8. Wiehed mill-persuni fuq il-Bord, Martin Wilkins, kien ippartecipa fid-decizjoni li jittiehdu passi dixxiplinarji kontra taghha u li tigi sospiza;*
>
> *9. Kien hemm inkontri bejn il-Bord u xi ufficjali tal-Bank fl-assenza taghha barra mid-'disciplinary hearings' waqt li kienu ghaddejjin il-proceduri ta' dixxiplina;*
>
> *10. L-investigazzjoni tmexxiet fl-assenza taghha u hija ma thallietx tkun prezenti, la waqt interviews mal-klijenti u lanqas waqt l-ispezzjoni tal-files taghha;*
>
> *11. L-investigazzjoni giet mibdija b'ritaljazzjoni minn zewg superjuri taghha f'husband and wife relationship wara li l-Malta Union of Bank Employees f'isem il-Private Clients Managers kollettivament ipprotestat ghat-tmexxija taghhom gewwa l-Wealth Management kif ukoll minhabba l-konflitt ta' interess.*
>
> *12. Sa mill-15 ta' April 2004 - qabel ma beda jinstema' l-kaz u bi vjolazzjoni tal-principju tal-presunzjoni ta' l-innocenza - il-Bank konvenut ta malafama lill-attrici billi akkuzaha mal-Malta Financial Services Authority li hi hatja ta' gross misconduct u b'hekk l-MFSA inghatat l-impressjoni zbaljata li l-attrici kienet ikkommettiet vjolazzjonijiet relatati mar-regoli stretti dwar 'Compliance' jew 'Financial Advice'."*

L-attriċi għaddiet sabiex tippremetti li l-investigazzjoni u l-proċess ta' dixxiplina kontriha kienu manifestament inġusti u li jiksru l-prinċipji tal-ġustizzja naturali peress li l-Bank naqas li jagħtiha opportunità xierqa biex tiddefendi lilha nfisha sewwa u peress li l-Bank iddiskrimina magħha u b'hekk il-bank kiser id-drittijiet tagħha. L-attriċi għalhekk wara li l-bank baqa' inadempjenti in segwietu għall-ittra uffiċjali tagħha tat-22 ta' Diċembru 2004, talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

*"1. Tiddikjara illi l-investigazzjoni u l-process ta' dixxiplina kontra l-attrici kienu manifestament ingusti u li jiksru l-principji tal-gustizzja naturali peress li l-Bank naqas li jaghti lill-attrici opportunita' xierqa biex tiddefendi lilha nfisha sewwa u peress illi l-Bank iddiskrimina maghha, u b'hekk il-Bank konvenut kiser id-drittijiet taghha.*

*2. Tiddikjara nulli u bla effett il-proceduri ta' dixxiplina mehuda mill-Bank kontra l-attrici, kemm dawk quddiem il-Bord ta' Dixxiplina kif ukoll dawk quddiem il-Bord ta' l-Appell.*

*3. Tordna lill-Bank konvenut jinforma lill-Malta Financial Services Authority illi l-proceduri ta' dixxiplina, li dwarhom kien inghata avviz, gew dikjarati nulli u bla effett b'sentenza ta' din il-Qorti, u johrog Bank Circular li biha jnehhi kull tebgha jew dell ta' htija minn fuq l-attrici.*

*4. Tiddikjara illi bl-agir illegali u abbuziv ta' ufficcjali tieghu, il-bank konvenut ikkawza u ghadu qed jikkawza danni ingenti lill-attrici, inkluza hsara psikologika serja;*

*5. Tiddikjara lill-Bank konvenut responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attrici.*

*6. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attrici, kemm danni attwali konsistenti f'telf ta' introjtu u qliegh kif ukoll dawk futuri, inkluzi wkoll danni ghall-hsara psikologika u ghar-riparazzjoni ta' l-ingurja morali li kkawzalha.*

*7. Tikkundanna lill-Bank konvenut ihallas lill-attrici d-danni hekk likwidati.*

*8. Tordna inoltre lill-Bank konvenut jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju kopja awtentikata tad-decizjoni ta' l-ewwel Board ta' Dixxiplina li sar f Ottubru 2003 - li turi l-firem tal-komponenti tal-Bord - kif ukoll kopja*

*awtentikata tad-decizjoni ta' l-ewwel Bord ta' Appell li sar f Dicembru 2003 - li turi l-firem tal-komponenti tal-Bord ta' l-Appell.*
*Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Dicembru 2004 u tal-atti ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 1007/04, kontra l-Bank konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni."*

3. Il-Bank konvenut ressaq risposta maħlufa fit-18 t'Awwissu 2005 fejn laqa' għat-talbiet attriċi bil-mod segwenti:

*"1. "Illi mill-kawzali u t-talbiet kif dedotti fl-att tac-citazzjoni jidher car illi l-azzjoni attrici tirrigwarda allegazzjom li l-proceduri ta' dixxiplina interni mehuda mill-bank eccipjenti qua "employer" kontra l-attrici impjegata tal-bank huma nulli u bla effett minhabba, allegatament, difetti u irregolaritajiet fl-investigazzjoni u process ta' dixxiplina li kienu ngusti u jiksru l-principji tal-gustizzja naturali. Dan premess, in linea preliminari, l-attrici ghandha tindika b'mod car u sewwa il-bazi legali tat-talbiet taghha u cioe' minn fejn titnissel l-obbligazzjoni li a bazi taghha l-proceduri u d-decizjonijiet ta' bordijiet interni ta' dixxiplina ta' "employers" privati jistghu jigu dikjarati nulli minhabba ksur tal-"principji ta' gustizzja naturali" kif qed tippretendi l-attrici;*

*2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra u minghajr ebda ammissjoni tal-allegazzjonijiet kontenuti fic-citazzjoni li huma kategorikament michuda, l-azzjoni attrici hija infondata u ghandha tigi respinta stante li ma hemm ebda obbligazzjoni li abazi taghha l-proceduri u d-decizjonijiet ta' bordijiet interni ta' dixxiplina ta' "employers" privati jistghu jigu dikjarati nulli minhabba ksur ta "principji ta' gustizzja naturali" kif qed tippretendi l-attrici;*

*3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra u minghajr ebda ammissjoni tal-allegazzjonijiet kontenuti fic-citazzjoni li huma kategorikament michuda, anke jekk ghal grazzja tal-argument hemm xi obbligazzjoni ta' kwalsiasi natura u sew jekk civili, kummercjali, kostituzzjonali jew ta' dritt amministrattiv kif qed tippretendi l-attrici fic-citazzjoni (haga li hija kontestata), l-azzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta stante li, fi kwalunkwe kaz, d-decizjonijiet tal-bordijiet in kwistjoni ma humiex u lanqas huma ntizi li jkunu "directly decisive" tad-drittijiet u obbligi civili tal-attrici u, semmai, l-azzjoni imissha saret quddiem il-Qorti jew Tribunal kompetenti ghar-rigward id-drittrjiet in substantia tal-attrici u cioe dwar il-fatti li kienu l-mertu ta' l-imsemmija proceduri ta' dixxiplina u mhux dwar il-proceduri nnifishom;*

*4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra u minghajr ebda ammissjoni tal-allegazzjonijiet kontenuti fic-citazzjoni li huma kategorikament michuda, anke jekk ghal grazzja tal-argument il-proceduri ta' dixxiplina jigu dikjarati nulli (haga li hija kkontestata), dan ma jfissirx li c-"charge" migjuba kontra l-attrici ma hijiex veritiera jew hija nfondata jew li r-rapport li ghamel il-bank eccipjenti lil Malta Financial*

*Services Authority (kif kellu l-obbligu legali li jaghmel) kien infondat u ghaldaqstant it-talbiet innumerati minn tlieta sa sebgha (inkluzi) ma jsegwux mit-talbiet l-ohra u / jew huma insostenibbli;*

*5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijret l-ohra u minghajr ebda ammissjoni tal-allegazzjonijiet kontenuti fic-citazzjoni li huma kategorikament michuda, anke jekk ghal grazzja tal-argument il-proceduri ta' dixxiplina jigu dikjarati nulli (haga li hija kkontestata) it-talbiet innumerati minn erbgha sa sebgha (inkluzi) ma jsegwux mit-talbiet l-ohra u / jew huma insostenibbli;*

*6. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra u minghajr ebda ammissjoni tal-allegazzjonijiet kontenuti fic-citazzjoni li huma kategorikament michuda, it-tmien talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u la hi marbuta mal-premessi fic-citazzjoni u imkien ma hemm imsemmi li l-bank eccipjenti gie mitlub ghal kopja tad-decizjoni imsemmija u rrifjuta u ghalhekk it-talba hija wkoll imtempestiva. Jigi dikjarat ghal kull buon fini li l-bank eccipjenti m'ghandux oggezzjoni li jaghti kopja tad-decizjoni lill-attrici pero zgur li fi kwalunkwe kaz m'ghandux ibati l-ispejjes ta' din it-talba;*

*7. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess,l-azzjoni attrici ghandha tigi respinta stante li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha kontenuti frc-citazzjoni attrici huma infondati.*

*8. Salvi eccezzjonijiet ohra."*

4. B'sentenza tal-4 ta' Lulju 2016 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet billi:

> "tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni limitatament, tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-Bank intimat ghajr is-sitt eccezzjoni li qedgha tigi milqugha kif fuq intqal; tilqa' l-ewwel talba attrici limitatament fis-sens illi tiddikjara li l-process ta' dixxiplina kontra l-attrici kien manifestament ingust u konsegwentement tilqa' t-tieni, t-tielet, r-raba' u l-hames talba attrici; tilqa' s-sitt talba attrici u tillikwida d-danni sofferti fis-somma ta' sitt mija u tlett elef Ewro (€603,000); tilqa' is-seba' talba attrici u tikkundanna l-Bank intimat ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u tlett elef Ewro (€603,000); u tichad it-tmien talba attrici."

5. Fit-22 ta' Lulju 2016, il-Bank konvenut appella mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u ressaq sitt aggravji filwaqt li l-attriċi wieġbet għal dan l-

appell fis-8 ta' Ġunju 2021 fejn tat ir-raġunijiet tagħha għaliex l-appell tal-konvenut għandu jiġi miċħud.

6. Fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2024 din il-Qorti semgħat it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet u ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza.

**Il-Fatti**

7. Il-fatti rilevanti huma s-segwenti.

8. L-attriċi kienet impjegata mal-Bank konvenut fit-taqsima *Wealth Management* bħala *Private Clients Manager*, fejn kienet awtorizzata tagħti pariri fuq investimenti lill-klijenti tal-Bank.

9. Fis-6 t'Ottubru 2003, is-Sur John Sammut, *Senior Compliance Manager,* b'ittra informa lil MFSA bis-segwenti:

> "*I advise you in term of MDSA Guidelines 1.07 (o) that following an internal audit investigation, the above-mentioned member of our staff will shortly be required to attend a disciplinary hearing on the grounds of misconduct/inefficiency for having during her Court of duties contravened the Bank's established procedures* [...]"[1]

10. B'ittra risponsiva tat-13 t'Ottubru 2003, MFSA stqarret li qiegħda tippreżumi, sakemm ma tiġix informata mod ieħor, li s-Sinjura Abela

[1] Fol 322 tal-proċess.

m'hijiex permessa tipprovdi servizzi ta' investiment lill-klijenti.[2] Min-naħa tiegħu b'ittra tat-22 t'Ottubru 2003, il-Bank informa lil MFSA li sakemm m'hemmx oġġezzjoni min-naħa tagħhom, il-Bank kien iddeċieda li sakemm ikun hemm eżitu tal-proċeduri ta' dixxiplina, is-Sinjura Abela tkompli tipprovdi s-servizzi tagħha taħt superviżjoni.[3] B'ittra tat-23 t'Ottubru 2003, MFSA informat lill-Bank li ma ssibx oġġezzjoni.[4]

11. Fit-28 t'Ottubru 2003, l-attriċi ingħatat l-ewwel twissija bil-miktub u ġiet avżata li sitwazzjonijiet simili futuri setgħu jwasslu għal proċeduri dixxiplinarji għal *gross misconduct*. B'ittra tat-30 t'Ottubru 2003 l-MFSA ġiet informata b'dan u li s-Sinjura Abela ser tibqa' taħdem taħt superviżjoni.[5] B'ittra oħra tas-17 ta' Diċembru 2003, il-Bank informa lil MFSA li l-Bord ta' Appell ikkonferma s-sentenza tal-Bord ta' Dixxiplina.[6]

12. Fl-1 ta' Marzu 2004 saret laqgħa bejn l-attriċi u John Hackett fejn ġew diskussi t-tħassib li kellu l-bank dwar ilmenti li kienu saru minn klijenti tal-bank.[7] Jidher li wara din il-laqgħa "*JH then met with Martin Wilkins (COO) and a confracall was held with Christine Davies and Dominic Lewis (HR Managers). On the basis of the evidence previously gathered*

[2] Fol 323 tal-proċess.

[3] Fol 808 tal-proċess.

[4] Fol 809 tal-proċess.

[5] Fol 810 tal-proċess.

[6] Fol 811 tal-proċess.

[7] Fol 680 et seq tal-proċess.

*the existing disciplinary failings (Oct '03) and the regulatory nature of the work it was agreed that JA should be suspended pending a full investigation of her pending work. JH received a suspension letter from Human resources and in the presence David Perotti of HR at approx 12:45pm advised JA that she was being suspended from her post pending a full investigation into her work. She was advised that David would assist JA in getting home and that JH would speak with her everyday until such time as a decision could be reached on to the next course of action.*"[8] L-attriċi baqgħet tirċievi l-paga b'mod sħiħ waqt is-sospensjoni mill-impjieg. Il-bank ordna li ssir investigazzjoni fuq il-files pendenti u mhux kompluti (*incomplete*) tal-attriċi, liema investigazzjoni interna ġiet immexxija mill-awdituri Joseph Fenech u Geoffrey Decelis.

13. Fit-2 ta' Marzu 2004 bdiet l-investigazzjoni u fit-3 ta' Marzu 2004 l-MFSA ġiet informata minn John Sammut, *Senior Compliance Manager*, li Johanna Abela ġiet sospiża mill-1 ta' Marzu 2004 *on full pay*.[9]

14. Fil-5 ta' Marzu 2003 John Hackett ikkonferma li l-investigazzjoni "*was purely at the behest of JH*"[10]. Fit-8 ta' Marzu 2004, Hackett iltaqa'

---

[8] Fol 681 tal-proċess.

[9] Fol 812 tal-proċess.

[10]Fol 682 tal-pro1ess.

ma' William Portelli (dak iż-żmien President tal-MUBE) u informah li kienet deċiżjoni tiegħu li jissospendi lil Johanna Abela.[11]

15. Waqt l-investigazzjoni saru intervisti minn Pauline Grech, John Hackett, Cassidy u Parrish. Fis-16 ta' Marzu 2004 saret intervista mal-attriċi, liema intervista kienet prinċipalment immexxija minn John Hackett u ġiet mistoqsija dwar l-ilmenti kif ukoll dwar numru ta' irregolaritajiet li sabu fil-*files* pendenti tagħha.[12] Fil-25 ta' Marzu 2004 għamlet addendum/bidliet fil-minuti tal-laqgħat tas-16 ta' Marzu 2004 kif ukoll osservazzjonijiet oħra.[13] Intervista oħra inżammet mal-attriċi fit-2 t'April 2004 din ukoll kienet immexxija minn John Hackett, il-minuti ta' liema ġew iffirmati mill-attriċi. Fit-8 t'April 2004 l-attriċi ppreżentat addendum għal minuti tat-2 t'April 2004 kif ukoll osservazzjonijiet oħra.[14] Fis-6 t'April 2004 l-imsemmija ppreżentaw ir-rapport tagħhom lid-dipartiment tar-Riżorsi Umani.[15]

16. Waqt il-proċess ta' investigazzjoni, *nonostante* s-sospensjoni tagħha mill-uffiċċju, l-attriċi kienet titħalla taċċedi l-uffiċċju taħt is-

[11] *ibid.*

[12] Paġna 18 tar-rapport a fol 438 tal-proċess.

[13] Appendix 10 tar-rapport a fol 438 tal-proċess.

[14] Fol 676 et seq tal-proċess.

[15] Kopja tar-rapport flimkien mal-ilmenti u intervisti tinstab a fol 438 tal-proċess.

superviżjoni ta' David Perotti  sabiex tara l-*files* u tagħmel fotokopja minnhom.[16]

17. Skont David Perotti fix-xhieda tiegħu tal-20 ta' Novembru 2006 id-deċiżjoni jekk il-bank għandux jipproċedi dwar *gross misconduct* hija tal-Kap tar-Riżorsi Umani[17], li dak iż-żmien kien immexxi minn Christine Davis.

18. Fit-8 t'April 2004 inħarġet *letter of charge* għal *gross misconduct*.[18]

19. Fil-15 t'April 2004 l-MFSA ġiet informata li Johanna Abela kienet ser titressaq quddiem il-Bord ta' Dixxiplina.[19]

20. B'ittra tal-5 ta' Mejju 2004, għat-talba tagħha sabiex tara l-files li ġew konklużi minnha fis-sena 2004, David Perotti *HR Relationship Manager* spjegala li "*I would like to stress the importance of the focus remaining on the specific cases mentioned in relation to the Charges, and therefore advise that your request to view all files cannot be acceded to. The bank is nevertheless prepared to provide you with statistical*

---

[16] Xhieda ta' David Perotti tal-10 ta' Novembru 2006; fol 234 tal-proċess.

[17] Fol 229 tal-proċess,

[18] Kopja a fol 255 et seq tal-proċess.

[19] Fol 815 tal-proċess.

*information relating to the business concluded by yourself during the year, should this be required*."[20]

21. Fl-1 ta' Ġunju 2004 l-attriċi ppreżentat rikors għal ħruġ ta' Mandat ta' inibizzjoni kontra l-Bank – **Johanna Abela v. HSBC Bank Malta plc** (Mand Inib Nru 1007/2004) – sabiex twaqqaf il-proċeduri ta' dixxiplina a bażi ta' allegat nuqqas ta' smigħ xieraq. Il-Bank ressaq ir-risposta tiegħu fit-3 ta' Ġunju 2004 u b'digriet tal-4 ta' Ġunju 2004 ir-rikors ġie miċħud.

22. Qabel inbdew il-proċeduri dixxiplinarji l-attriċi kif ukoll l-Union ingħataw kopja tad-dokumentazzjoni kollha li kienu ser jitressqu quddiem il-Bord ta' Dixxiplina.[21]

23. Fit-8 ta' Ġunju 2004 bdew il-proċeduri quddiem il-Bord ta' Dixxiplina kompost minn Richard Reid bħala Chairman, Anthony Buttigieg u George Pulis bħala membri lkoll ħaddiema tal-Bank appellant. George Pulis kien membru tal-Bord magħżul mill-MUBE (*Malta Union of Bank Employees*).

24. David Perotti, Maniġer Riżorsi Umani, kien preżenti waqt is-smigħ quddiem il-Bord ta' Dixxiplina. Fix-xhieda tiegħu spjega li l-irwol tiegħu

[20] Fol 349 tal-proċess.

[21] Fol 218D tal-proċess. Xhieda ta' Dominic Lewis mogħtija fis-16 t'Ottubru 2006.

ma kienx ta' rappreżentant tal-bank iżda li jiżgura li l-proċedura qiegħda tiġi segwita mill-Bord ta' Dixxiplina.[22]

25. Wara li l-legali tal-attriċi jew l-attriċi ikkuntattjaw xi impjegati sabiex jixhdu quddiem il-Bord ta' Dixxiplina, David Perotti, b'ittra tal-24 ta' Ġunju 2004 informa lil-legali tal-attriċi bis-segwenti:

> *"As you are aware, this is an internal procedure and not a Court of law. Should Johanna have any points of clarification which she wishes to make with any individuals, she should raise her points with the disciplinary board, and should they believe that the matters raised are material to the case as outlines in the letter of charge, then the disciplinary board will seek any necessary clarification directly from the employees in the form of a written declaration.*
>
> *Kindly advices the disciplinary board through us, or at the next sitting of the questions you require to be put for their consideration. The reply may then be submitted in writing by the employees concerned if the board feels that such issues are relevant to the case."*[23]

26. Wara li saru numru ta' laqgħat, kif ukoll saru sottomissjonijiet minn Johanna Abela fis-6 ta' Lulju 2004[24], fis-16 ta' Lulju 2004 inħareġ rapport mill-Bord ta' Dixxiplina.[25] B'ittra datata 20 ta' Lulju 2004 l-attriċi ġiet avżata li instabet ħatja ta' *gross misconduct* u mogħtija *demotion* għal grad S5 u trasferiment għal post alternattiv tax-xogħol mhux regolat mill-MFSA.[26] L-

---

[22] Fol 237 tal-proċess. Xhieda ta' David Perotti tal-10 ta' Novembru 2006.

[23] Fol 315 tal-proċess.

[24] Fol 604 et seq tal-proċess.

[25] Fol 616 et seq tal-proċess.

[26] Fol 661 tal-proċess.

attriċi fil-proċeduri dixxiplinarji kienet assistita mill-avukat tagħha kif ukoll minn William Portelli, dak iż-żmien President tal-MUBE.

27. B’applikazzjoni tat-2 ta’ Awwissu 2004, l-attriċi appellat mid-deċiżjoni tal-Bord ta’ Dixxiplina. Il-Bord tal-Appell, kompost minn Martin Wilkins bħala Chairman, Mary L Agius u Peter Bonnici (dan tal-aħħar magħżul mill-MUBE) bħala membri ilkoll membri tal-Bank, iltaqa’ l-ewwel darba fid-19 t’Awwissu 2004 u saru diversi laqgħat oħra fl-istess xahar. Il-Bord tal-Appell ikkonferma li l-attriċi hija ħatja ta’ *gross misconduct* u għalkemm irrikonoxxa li l-Bord ta’ Dixxiplina kellu s-setgħa li jagħtu *demotion*, iddeċieda minflok li l-attriċi tibqa’ żżomm il-grad li kellha, tingħata ittra finali ta' twissija u trasferiment għal post tax-xogħol alternattiv barra ambjent regolat.

28. Is-smigħ quddiem iż-żewġ bordijiet ġie rekordjat fuq *magnetic tape*.

29. B’din id-deċiżjoni ġiet informata l-attriċi permezz ta' ittra datata 2 ta' Settembru 2004 u ġiet mitluba sabiex tidħol għax-xogħol fit-13 ta' Settembru 2004 fil-fergħa tal-Fgura bħala *Premier Relationship Manager* fil-grad tagħha. L-attriċi naqset milli tirritorna x-xogħol minħabba li rrapurtat li hija marida (*long sick leave*).

30. B'ittra datata 24 ta' Settembru 2004 l-MFSA ġiet informata bid-deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina u bid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell; il-Bank informa lill-MFSA li "*Ms Abela will now no longer work in a regulated environment and her licences to promote, sell and give advice on the Bank's products are therefore no longer required.*"[27]

31. Wara d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell saret laqgħa fit-8 ta' Marzu 2005 bejn Mark Simms u l-attriċi u l-legali tagħha u waqt din il-laqgħa issemmew ċifri bħala *voluntary redundancy package*. Il-Bank għamel żewġ offerti, l-ewwel waħda fis-somma ta' Lm 27,000 u t-tieni waħda ta' Lm58,000. Din l-aħħar ċifra ġiet ibbażata fuq salarju u *commission* ta' tliet snin. Apparti li din ġiet spjegata mis-Sur Simms fix-xhieda tiegħu, dawn iċ-ċifri huma evidenti wkoll minn korrispondenza elettronika mibgħuta minn William Portelli (dak iż-żmien President tal-MUBE) u Mark Simms datata 8 ta' Marzu 2005[28] kif ukoll minn minuti meħudin waqt il-laqgħa fuq imsemmija.[29] Minn din il-korrispondenza jidher ukoll li Abela insistiet li tingħata Lm200,000 u talbet lill-Bank jagħmel offerti oħra għaliex l-offerta tiegħu kienet baxxa. Mill-minuti tal-laqgħa jirriżulta li waqt din il-laqgħa, il-legali tal-attriċi qajjem il-kwistjoni li l-proċeduri interni ta' dixxiplina ma kinux in linea mal-liġi Maltija u dik Ewropea u informa lill-Bank "*that JA [Johanne Abela] would accept not to take the matter to Court if she was*

[27] Fol 821 tal-proċess.

[28] Fol 549 tal-proċess.

[29] Fol 551 tal-proċess.

*offered the sum of MLT250K. This amount was being based on total loss of potential earnings up to normal retirement age, 'stress/anxiety' related compensation, loss of other benefits (subsidised home loan rates; Health insurance scheme, etc), loss of opportunity to find alternative employment in line with her competencies/skills, etc*."[30] Din il-proposta ġiet miċħuda minn Mark Simms stante li l-bank kien għadu qed joffrilha l-impjieg tagħha fl-istess grad. Fl-istess minuti jidher li sussegwentement għal din il-laqgħa, il-legali tal-attriċi ċempel lil Mark Simms u infurmah li Johanna Abela kienet lesta li tieħu l-irwol ta' *International Private Client Manager* flimkien ma' pagament ta' Lm130,000. Ftehim baqa' ma ntlaħaqx.

32. Il-konsiderazzjonijiet li waslu lill-Ewwel Qorti tilqa' t-talbiet attriċi huma s-segwenti:

> "Il-Qorti tifhem illi fil-proceduri dixxiplinari eskluz it-tkeccija tal-impjegat mill-post tax-xoghol,10 l-impjegat ghandu dritt ghal process minn Bord tad-Dixxiplina li jagixxi "fairly and justly"11 , u li "What must be avoided therefore is the overt expression of bias or other indications that a decision has been reached before the evidence is heard." Vide Modern Employment Law 7th Edition Winrup 1991 fol 157 et seq.
>
> Ikkonsidrat:
>
> Il-Qorti tghaddi biex tezamina jekk l-attrici Johanna Abela inghatatx, waqt ilproceduri ta' dixxiplina, hearing li kien fair and just u mehlus minn bias jew indikazzjoni li d-decizjoni kienet gia ttiehdet qabel ma instemghat ix-xhieda. Dan l-ezami ser jitfassal fuq l-ilmenti mressqa mill-attrici fir-rikors promotorju indikati b'numri wiehed sa tnax kif amplifikati fin-nota t'osservazzjonijiet tal-attrici, u fit-trattazzjoni finali, riskontrati bl-eccezzjonijiet tal-Bank intimat kif imfissra ulterjorment fin-noti responsivi u trattazzjoni finali.

---

[30] *ibid.*

Ikkonsidrat:

L-ewwel ilment tal-attrici jirrigwarda document prodott fil-proceduri ta' dixxiplina. Dan id-dokument kien attachment C mal-letter of charge.

Il-Qorti tqis illi dan l-ilment seta kellu piz konsiderevoli kieku sehh fil-mori talproceduri kriminali quddiem il-Qrati taghna. Fuq l-iskorta tal-gurisprudenza citata, din il-lanjanza mhix sostenibbli fir-rigward ta' gbir ta' provi quddiem Bord ta' Dixxiplina. Di piu' waqt l-istess proceduri John Hackett ha responsabilita' ta' dan ddokument u ffirmah.

It-tieni ilment tal-attrici hu sens li l-attrici ma thallietx taghmel kontro-ezami talpersuni li fornew provi kontra taghha permezz ta' stqarrijiet. Dan l-ilment ser jigi ezaminat flimkien ma l-ilment numru tlieta, li jikkoncerna iccahda ta' produzzjoni ta' xhieda in difiza u ilment numru sebgha, li jikkoncerna cahda ghal produzzjoni tal-completed files tal-attrici.

Il-Qorti taghmel referenza ghal Santemera vs Express Cargo Forwarding deciz mill-Employment Appeal Tribunal (EAT)12 fejn gie ritenut li ma kien hemm ebda

"universal requirement of natural justice or general principles of law that in all cases a witness statement must be shown to an employee who has been accused of misconducted … There may be occasions where it is necessary to preserve anoymity There is no rule of Law which requires an employer to permit an employee to cross examine during a disciplinary hearing collegueges who have made allegation of misconduct by the employee. The employer must carry out a reasonable investigation into the alleged wrong doing, not carry out a forensic or quasi judicial investigation."

Fil-kaz in ezami pero, minkejja illi d-dritt ta' kontro-ezami ma kienx espressament indikat fil-Collective Agreement 2003/2004, kienet il-prattika kostanti tal-Bord tad-Dixxiplina tal-Bank intimat li tisma' x-xhieda viva voce u tippermetti li jsir kontro-ezami. In fatti hekk kien sar fil-kaz antecedent ghal dak tal-attrici. Il-bank intimat jirribatti illi hu ma kienx tenut illi jipermetti kontro-ezami ta' xhieda skond ilftehim kollettiv u li wara il-kaz ta' Aquilina Stanmore, il-Bank kien ddecieda unilateralment li biddel il-proceduri u ma informax b'dan lil MUBE.

Jirrizulta mix-xhieda ta' William Portelli illi kien hemm kaz wiehed biss bejn dak ta' Aquilina Stanmore u tal-attrici fejn, bi qbil mal-Bank, kien gie deciz li ma jsirx kontro-ezami. L-istess Portelli kkonferma li fil-kaz tal-attrici ma kienx hemm qbil mal-bank li donnu hadha bhala prassi u bhala regola generali li ma jressaqx provi viva voce.

Il-Bank jirribatti ukoll illi ma kienx minnu illi l-attrici ma thallietx taghmel kontroezami ghaliex kellha il-fakolta' li tnizzel bil-miktub l-ilmenti kollha li kellha.

Ikkonsidrat:

Il-Qorti tibda biex tippreciza illi c-charges migjuba kontra l-attrici ta' gross misconduct li skond klawsola 27(g) tal-Ftehim Kollettiv setghu wasslu ghal tkeccija tal-attrici mill-post tax-xoghol,u dana minkejja li l-akkuzi, fihom innifishom, kienu fil-fatt anqas onoruzi mill-ewwel akkuzi migjuba kontra l-attrici f'2003 izda hadu xejra ferm aktar gravi u tant li gew klassifikati bhala gross misconduct minhabba l-akkuza precedenti.

Lanqas ma huwa precizament korrett dak ritenut mill-Bank li ma kienx minnu illi lattrici ma thallietx taghmel kontro-ezami 'l ghaliex kellha l-fakolta' li tnizzel bilmiktub l-ilmenti kollha taghha. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex kif jidher mill-ittra tal24 ta' Gunju 2004, Dok DP1, a fol. 315 , il-Bank intimat informa lill-attrici issegwenti:

"Should Johanna hava any points of clarification which she wishes to make with any individuals, she should raise her points with the disciplinary board, and should they believe that the matters raised are material to the case as outlined in the letter of charge, then the disciplinary board will seek any necessary clarification directly from the employees in the form of a written decleration."

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqis il-bidla daqstant radikali fil-proceduri normalment addottati mill-Bord tad-Dixxiplina, fid-dawl ta' nuqqas ta' ftehim mal-MUBE fuq listess, fid-dawl ta' dan il-bdil sar fil-mori tal-proceduri dixxiplinari, mehud in konsiderazzjoni il-gravita ta' akkuza ta' gross misconduct, il-Qorti mhijiex perswaza li l-proceduri ta' dixxiplina kienu just and fair.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-ilment tal-attrici li kemm qabel, kif ukoll waqt ilproceduri ta' dixxiplina, l-access ghal files mitlub mill-attrici gie michud cioe' lanjanza numru sebgha.

Dan l-ilment jirrigwarda c-cahda tal-Bank ghal-produzzjoni tal-completed files jew completed investments tal-attrici. Hija kienet sostniet u din il-Qorti taqbel pienament illi ezami ta' incomplete files minnu nnifsu bil-fors ser jikkontieni xoghol li mhux lest, xoghol li jonqsu xi dokumentazzjoni jew jirrikjedi xi informazzjoni ulterjuri. Lattrici dehrilha illi sabiex jsir ezami objettiv fuq x-xoghol tal-attrici, l-bank kellu jezamina ukoll (jekk mhux unikament) il-completed files taghha. Ma dan, l-attrici kienet tallbet ukoll li almenu jsir ezami komparattiv ta' incomplete files taghha malincomplete files tal-kollegi taghha il-PCMs. Eppure l-Bank cahad t-talba ghalproduzzjoni tal-completed files tal-attrici kif ukoll ghal incomplete files tal-kollegi taghha PCMs.

Maghdud ma dan, hemm it-thassib serju tal-Qorti li kas ta' gross misconduct ingab kontra l-attrici fuq incomplete files – cioe' investimenti mhux konkluzi. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex skond ix-xhieda tal-kollegi PCMs tal-attrici, l-bank qatt qabel ma kien ezegwixxa spot checks jew

raised exceptions fuq incomplete files, wisq anqas investigazzjoni jew internal audit fuq l-istess incomplete files.

Meta imbaghad dan l-agir tal-Bank jigi abbinat (1) max-xhieda ta' John Sammut Head of Compliance li asserixxa car u tond li skrutinju ghal-compliance irid isir fuq il-file maghluq u cioe' fejn l-investiment gie konkluz (a fol. 292/3); (2) maxxhieda ta' Christian Debono PCM a fol. 872 et seq li kkonferma li l-awditur tal-Bank wisq anqas tal-MFSA qatt ma ghamlu audit fuq l-incomplete files ta' PCM u li audit issir fuq "concluded business"; u (3) mal-konferma ta' dana kollu Kevin Mifsud PCM a fol. 876, l-Qorti certament ma tistghax tkun konfortata li l-proceduri dixxiplinari kontra l-attrici, kienu just and fair, mehlusa minn kull dell li decizjoni kienet orkestrata u pregudikata.

Di piu' dak li jaghti f'ghajn u ma jaghtix dehra ta' fair dealing, huwa l-fatt li min kien apparentament kien qed jikkonduci l-internal audit u l-investigazzjoni, cioe' Fenech u Decelis fi dan il-group audit ma kienux mharrga bizzejed biex jaghmlu dan. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex Fenech u Decelis ma kienux intizi fl-operat ta' PCMs, qatt ma hadmu bhala tali u ma kienux awtorizzati mill-MFSA biex jaghmlu dan ix-xoghol u hadu sehem passiv ghall-kollox fl-intervisti li twettqu. Fir-realta' lintervisti saru minn Hackett, Parrish, Cassidy u Pauline Grech. Pauline Grech, bhal Fenech u Decelis, ma kienitx PCM u ma kienitx awtorizzata mill-MFSA biex taghti pariri finanzjarji. Mitlub jipplaka dana kollu mal-investigazzjonijiet minnu mwettqa, Fenech irrisponda li mexa mal-procedura.

Din il-Qorti tistaqsi xi procedura kienet din, jekk il-manual fuq incomplete files gie redatt wara l-kaz tal-attrici?

Dana kollu ma jserrahx mohh il-gudikant illi l-proceduri quddiem il-Bord tadDixxiplina kien "just" and "fair" u ma kienux prejudged.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-ilment tal-attrici illi il-Bord tad-Dixxiplina u l-Bord tal-Appell kienu indipendenti wisq anqas imparzjali. Dan l-ilment ser jigi trattat ma lilment numru hamsa, tmienja u ghaxra cioe l-prezenza ta' Lewis waqt ddeliberazzjoni tal-Bord ta' Dixxiplina,li Martin Wilkins, (Chairman tal-Bord talAppell) kien ppartecipa fid-decizjoni li jittiehdu passi dixxiplinari kontra l-attrici u li tigi sospiza; li kien hemm laqghat bejn ufficcjali tal-Bank mal-ufficcjali tal-Bord ta' Dixxiplina fl-assenza tal-attrici barra mid-disciplinary hearing.

Mill-gurisprudenza citata aktar l'fuq il-Qorti tqis illi f'azjenda kummercjali:

"… mhux principju stabbilit b'ligi jew gurisprudenza li lprincipal hu tenut li jingagga persuna indipendenti biex tinvestiga kaz dixxiplinari li jista' jwassal ghal tkeccija. Kieku kellha tigi accettata t-tezi tar-rikorrenti ikun qed jinfetah bieb li fil-prattika mhux dejjem jaghmel sens. Skond it-tezi tarrikorrenti jekk principal li ihaddem zewg impjegati jaqbad filfatt lil wiehed minn dawn iz-zewg impjegati jisraqqlu l-flus ilprincipal

m'ghandux dritt jitlob spjega minn ghand l-impjegat u fin-nuqqas taghha jkeccih immedjatament, izda ghandu jhalli lill-impjegat fl-imjieg jingagga persuna indipendenti u imbaghad tkun dik il-persuna indipendenti li tiddeciedi x'isir. Il-ligi trid tipprotegi lill-impjegat li qieghed f'posizzjoni dghajfa izda ma jirrikjediex li tkeccija ssir wara investigazzjoni minn persuna jew persuni indipendenti proprju ghax filprattika dan jsir jkun ta' detriment ghal principal genwin. Kull kaz ghandu jigi valutat fuq il-mertu tieghu: il-principal ghandu dritt jisma' u jiddeciedi kaz ta' dixxiplina jekk ghal kwalunkwe raguni dan jiddeciedi hazin imbaghad hemm itTribunal Industrijali ghal biex jaghti rimedju. Huwa mbaghad it-Tribunal Industrijali li necessarjament ikun indipendenti u imparzjali."

Applikati dawn il-principji u fuq l-iskorta tal-insenjament ta' Selwyn, jirrizulta b'modd ampju illi ma tistghax tirnexxi l-ewwel lanjanza tal-attrici ghal dak li jirrigwarda indipendenza il-Bord tad-Dixxiplina tal-Prim Istanza, wisq anqas l-ilment numru hamsa dwar il-prezenza ta' Dominic Lewis fil-proceduri dixxiplinari u l-ilment numru disgha' dwar inkontri t'ufficjal tal-bank mal-Bord fl-assenza tal-attrici. Huwa mifhum illi inkontri bejn ufficcjali ghola tal-Bank u Membri tal-Bord ta' Dixxiplina ma tantx jistghu jigu evitati f'day to day running tal-bank kummercjali.

Ghal dak pero li jirrigwarda l-komposizzjoni tal-Bord tal-Appell u l-imparzjalita' tieghu u cioe' t-tmien lanjanza tal-attrici, l-Qorti tqis illi din il-lanjanza treggi. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex skond r-raba' rekwizit ta Selwyn fuq citat, impjegat ghandu jkun informat bi dritt tieghu ghall-appell, liema Bord t'Appell irid ikun kostitwit minn persuni fil-level management aktar gholi minn Bord tal-Prim Istanza, li ma kienux involuti fid-decizjoni.

Hemm xhieda inkontestata illi Martin Wilkins kien gia involut fid-decizjoni ta' sospenzjoni tal-attrici u d-decizjoni li tigi investigata.

Ghaldaqstant il-modd kif kien kostitwiet l-Bord tal-Appell ma jilhaqx l-istandard stabbilit minn Selwyn u dana minkejja li l-Bank intimat jidher illi kellu l-hsieb li jinnomina lil Hollister bhala Chairperson tal-Bord tal-Appell, li pero' kien indispost. Fil-kaz in ezami l-istandards imfassla minn Selywn li fil-fehma tal-Qorti jilhqu bilanc gust bejn l-esigenzi t'azienda kummercjali u d-drittijiet tal-impjegat f'servizz privat, ma gewx osservati. Dan l-istandard seta' facilment jigi osservat fic-cirkostanzi li sab ruhu fihom l-Bank, b'semplici nomina ta' ufficcjal gholi iehor tal-Bank intimat.

\- Omissis -

Huma ghal dawn ir-ragunjiet illi din il-Qorti tqis illi filwaqt li l-attrici ma lahqitx illivell probatorju rikjest mill-ligi biex tipprova li l-investigazzjoni u proceduri dixxiplinari kontra taghha bdew purament b'retaljazzjoni ghal mizura industrijali mwettqa mill-PCMs kollegalment, il-provi juru illi l-investigazzjoni u l-proceduri ta' dixxiplina kienu immirati ghas-sejbien tal-htija, cioe' fejn "the decision had been reached before the evidence is heard."

> Ghaldaqstant din il-Qorti ma tista bl-ebda mod tafferma li l-proceduri dixxiplinari kontra l-attrici kemm fi Prim Istanza kif ukoll fl-Appell kienu fair and just, mehlusa minn kull ombra ta' pregudizzju u f'dan is-sens il-Qorti tqis illi ghandha tilqa' limitatament l-ewwel talba u konsegwentement tilqa' tieni u t-tielet talba attrici."

**L-Ewwel Aggravju**

33. Permezz tal-ewwel aggravju l-bank appellant jikritika l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti fejn ikkonkludiet illi l-proċeduri dixxiplinarji interni ma kinux *fair* u *just*.

34. Taħt l-ewwel aggravju l-bank appellant jirreferi għaċ-ċaħda tal-Bord ta' Dixxiplina li jippermetti li jsiru kontro-eżamijiet ta' persuni li fornew stqarrijiet kif ukoll għaċ-ċaħda tal-bord li jippermetti lill-attriċi tipproduċi xhieda in difiża. Il-bank irrefera għal dak li ġie kwotat mill-Ewwel Qorti mill-ktieb Selwyn's Law of Employemt u l-kawża mill-Employment Appeal Tribunal Brittanniku fl-ismijiet **Santamera v. Express Cardo Forwarding**. Kompla jispjega li wara li l-Ewwel Qorti kkonfermat li d-dritt ta' kontro-eżamijiet u l-produzzjoni ta' xhieda ma kienx espressament indikat fil-Ftehim Kollettiv, iddeċidiet li ladarba fil-passat il-prattika tal-Bord tal-Bank kienet tippermetti s-smigħ xieraq *viva voce* u li jsiru l-kontro-eżamijiet, il-Qorti ma kinitx persważa li l-proċeduri kienu *just* u *fair*. Il-bank appellant jgħid illi "biex tibbaża deċiżjoni daqshekk gravi fuq il-Bank, il-Qorti kellha bżonn ta' prova ċara mhux nuqqas ta' persważjoni

ta' oppost."[31] Jgħid l-appellant illi l-Ewwel Qorti naqset li tqis dak li qal William Portelli, dak iż-żmien il-President tal-MUBE, in kontro-eżami li kien fisser li ma kinitx il-prattika li jittellgħu xhieda quddiem il-Bord u dan sabiex ma jingħatax l-impressjoni li l-Bord ta' Dixxiplina huwa qorti. Jilmenta l-appellant illi l-Qorti naqset li tikkunsidra l-fatt li l-attriċi u r-rappreżentanti tagħha kienu mistiedna li jippreparaw domandi bil-miktub għal individwi li riedu jeżaminaw u wara li jingħataw lill-persuni konċernati dawn jiġu mwieġba bil-miktub u dan bl-intiża li l-proċeduri tal-Bord ma jkunux bħal dawk tal-Qorti. Kien id-difensur tal-attriċi stess li rrifjuta li jagħmel dan. Jgħid l-appellant illi l-eżamijiet u kontro-eżamijiet ta' xhieda bil-miktub huma permessi anke quddiem il-Qorti u għamel referenza għall-ittri rogatorji. Il-Bank jinsisti li mhux minnu li d-deċiżjoni li ma jsirux kontro-eżamijiet *viva voce* ittieħdet wara li l-Bord kellem lill-*Management* tal-Bank u dan stante li bejn il-każ ta' Michelle Aquilina Stanmore u l-każ tal-attriċi kien hemm każ ieħor ta' *gross misconduct* u li fih intużat l-istess proċedura bħal dik tal-attriċi appellata. Il-Bank fisser li l-proċedura addotata fil-proċeduri dixxiplinarji tal-attriċi kienet għadha viġenti sal-mument li ġie ntavolat l-appell.

35. It-tieni ras taħt dan l-aggravju jirrigwarda l-aċċess għall-*files*. L-appellant jibda billi jgħid li l-lanjanza numru 7 tal-attriċi ma kinitx tirrigwarda ċ-ċaħda tal-bank għall-produzzjoni tal-*completed files* jew

---

[31] Fol 1316 tal-proċess.

*completed investments* tal-attriċi sabiex jiġu eżaminati waqt l-investigazzjoni iżda l-ilment kien li l-aċċess mitlub mill-attriċi sabiex teżaminahom ġiet miċħuda, punt li l-appellant jgħid li ġie injorat mill-Ewwel Qorti. Il-Bank jinsisti li kif xehed David Perotti, l-attriċi tħalliet tara l-*files* waqt l-investigazzjoni u tagħmel fotokopji minnhom ukoll però mhux waqt l-istadju tal-proċedura ta' dixxiplina u ċioè meta l-investigazzjoni kienet diġà ingħalqet u dan għaliex hija kienet diġà rat il-*files* kollha li ġew investigati. Skont l-appellant, l-attriċi riedet tara l-*files* kollha li ħadmet fuqhom u li skont il-bank ma kinux relevanti għall-każ. Il-bank ma jaqbilx ma' dak li qalet l-Ewwel Qorti fir-rigward li l-Bank kellu jagħmel studju mhux biss tal-*pending files* iżda wkoll tal-files kompleti, kif ukoll li jsir analiżi komparattiv mal-*files* tal-kollegi tal-attriċi. Il-bank fisser li fil-*files* ta' Abela nstabu nuqqasijiet sinifikanti u għadda sabiex jagħmel referenza għax-xhieda ta' John Hackett, Joseph Fenech, Geoffrey Decelis u ta' Mark Muscat (PCM ukoll bħall-attriċi) kif ukoll għal *Group Audit Report.* Ingħad li n-nuqqasijiet tal-attriċi ma setgħux jiġu rimedjati fi stadju avvanzat għaliex l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni li stabet nieqsa kellhom jinġabru fl-ewwel laqgħa bejn l-attriċi u l-klijenti tal-bank u mhux żmien wara.

36. Il-bank fisser ukoll li l-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li Joseph Fenech u Geoffrey Decelis ma kinux kwalifikati biex jagħmlu *internal audits* għax ma kinux PCMs ma treġix u dan stante li dawn kienu żewġ

awdituri b'esperjenza vasta fl-*internal audits*, apparti li l-inkarigu tagħhom waqt l-investigazzjoni ma kinitx tirrigwarda l-għoti ta' pariri fuq investimenti iżda dwar jekk Johanna Abela kinitx issegwi l-proċeduri. Il-bank jgħid li dan japplika għal Pauline Grech li kienet tara l-*files* f'liema stadju waslu u tikkuntattja lill-klijenti sabiex tara f'liema stadju wasal il-bejgħ tal-investiment. Il-Bord iċċara li meta Fenech fix-xhieda tiegħu għamel referenza għal proċeduri, dan kien qiegħed jirreferi għal proċeduri addottata waqt l-investigazzjoni u ċioè dik addottata mill-bank HSBC UK u mhux għal proċeduri rigward *files* mhux kompleti bħal ma qalet il-Prim'Awla.

37. It-tielet ras taħt dan l-aggravju jirrigwarda l-ħatra ta' Martin Wilkins fuq il-Bord tal-Appell. Il-Bank jgħid li Wilkins bl-ebda mod ma kien involut fid-deċiżjoni tal-Bord fil-Prim'Istanza iżda l-involviment tiegħu bħala COO kien biss minimu bil-preżenza passiva tiegħu waqt li ttieħdet id-deċiżjoni minn John Hackett li tibda l-investigazzjoni u s-sospensjoni ċioè meta kien għadu ser jibda l-eżerċizzju ta' ġbir ta' fatti. Jinsisti l-bank li wara dakinhar Wilkins ma kellu ebda involviment ieħor u għalhekk ma kienx influwenzat. Ikompli jgħid il-bank illi l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta waslet għall-konklużjoni li l-Bank kien jilħaq l-i*standards* imfassla minn Selwyn billi jinnomina uffiċjal għoli ieħor tal-Bank. Jgħid li l-Ewwel Qorti kienet skorretta stante li skont il-ftehim kollettiv, kienu l-persuni bil-kariga ta' CEO jew COO li setgħu joqgħodu fuq il-Bord tal-Appell. Il-Bank jgħid

li dakinhar iċ-Chief Executive Officer kien ma jiflaħx u kien iċ-Chief Operations Officer biss li seta' joqgħod fuq il-Bord. Il-Bank għadda sabiex jagħmel referenza għal kawża **Rowe v Radio Rentals** deċiża mill-*Employment Appeal Tribunal* tar-Renju Unit fis-sena 1982 u li ġiet iċċitata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tal-11 t'Awwissu 2000 fl-ismijiet **Marthese Azzopardi v. Maltacom p.l.c.** l

L-aħħar ras taħt dan l-aggravju jirrigwarda s-sejba ta' ħtija tal-attriċi dwar każ mhux imsemmi fl-akkuża. L-Ewwel Qorti laqgħet din il-lanjanza għaliex sabet li l-*letter of charge* ma kinitx redatta b'mod ġeneriku. Il-Bank jirribatti li ċ-*charge sheet* kienet ġenerika. Dwar il-każ ta' Joseph Ellul iċ-*charge* kienet taqa' taħt l-ewwel akkuża. Ingħad li l-appellata kellha lista twila ta' klijenti li kien hemm nuqqas fil-*files* tagħhom u fil-każ ta' ċerti klijenti li n-nuqqas kien jirreferi għal dokumentazzjoni inadegwata, ma kinux kollha indikati b'isimhom fl-akkuża iżda l-informazzjoni dwarhom xorta kienet preżenti bħala parti mill-investigazzjoni. L-appellant fisser li l-attriċi kienet taf b'dan il-każ għaliex ingħatat l-informazzjoni kollha li ngħata lill-Bord. L-appellant għadda sabiex elenka numru ta' konsiderazzjonijiet magħmula mill-l-ewwel istanza fuq apprezzament tal-fatti li l-bank iqis li huwa apprezzament żbaljat tal-fatti. Jgħid hekk fir-rigward:

a. Ma huwiex minnu li l-Bank kien "skarz mal-verita" meta fin-nota ta' sottomissjonijiet kiteb li fl-ewwel proċeduri tal-Bord kontra l-attriċi kienet instabet ħatja ta' *gross misconduct.* Il-Bank fisser li dan kien żball

li sar bi żvista għaliex qatt ma ġie kkontestat li l-attriċi l-ewwel instabet ħatja biss ta' *misconduct*.

b. Sabiex ippreparaw ir-rapport tagħhom l-awdituri eżaminaw id-dokumetnazzjoni, inklużi t-traskrizzjoni jew minuti tal-intervisti li kienu diġà saru fl-istadju meta kien qed jiġi deċiż jekk għandhiex tibda investigazzjoni kontra l-attriċi. Jgħid li "huwa ċar li ma kien hemm ebda inkorrettezza billi l-intervisti saru minn persuni oħra fil-bank u mhux mill-awdituri nnifishom."[32]

c. Dwar il-verżjonijiet differenti dwar ir-raġuni li wassal sabiex Clive Parrish jitlaq minn Malta, il-Bank osserva li Perotti fix-xhieda tiegħu mill-bidu kien inċert x'kienet ir-raġuni għalfejn telaq Parrish tant li huwa kien qal "safejn naf jien", b'dan ma jfissirx li ma qalx il-verità. Lanqas mhu minnu li Mark Simms qal li telqu wara investigazzjoni.

d. L-Ewwel Qorti iddeċidiet li ma kien hemm xejn ħażin li l-attriċi kienet tieħu l-files id-dar għaliex il-PCMs kienu awtorizzati jieħdu *files* magħhom. Il-Bank jgħid li dan kien biss permissibbli meta kien ser ikun hemm laqgħa barra l-bank l-għada.

e. L-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-allegati ilmenti minn żewġ klijenti tal-bank ġew respinti kompletament. Jgħid li din mhiex konklużżjoni korretta. Skont il-Bank il-klijenti evitaw li jdaħħlu lill-attriċi fl-inkwiet.

f. Lanqas ma kienet korretta l-Ewwel Qorti meta akkużat lil Triganza li ma kienx lodevoli fl-irwol tiegħu sempliċiment għaliex mexa mal-proċedura.

38. Għal dan l-aggravju, l-appellata tirrispondi billi tispjega li hemm qbil li l-proċeduri ta' dixxiplina huma aktar flessibbli minn dawk ġudizzjarji iżda b'daqshekk ma jfissirx li ma jiġux imħarsa l-prinċipji ta' ġustizzja naturali. L-appellata tinsisti li fil-każ tagħha ebda persuna *viva voce* ma telgħet tixhed u l-bank mhux qed ikun veritier meta jsemmi xhieda *viva voce*. Il-Bank ma ikkonċediex *procedural fairness* lill-attriċi, li kieku kien hekk kien jagħtiha d-dritt li tagħmel mistoqsijiet lill-impjegati tal-bank. L-appellata tinsisti li l-Bank qiegħed ipoġġi l-ftehim kollettiv qabel kull dritt ta' difiża permezz ta' kontro-eżami u dan meta wieħed mill-pilastri tal-ġustizzja naturali huwa li jinstemgħu ż-żewġ naħat u mhux biss li jkun

[32] Fol 1326 tal-proċess.

hemm verżjoni inkontestabbli tax-xhieda tal-Bank mingħajr id-dritt għal kontroeżami. Il-bidla radikali imsemmija mill-Ewwel Qorti tirreferi għal fatt li kienet prattika konsistenti li jinstemgħu x-xhieda *viva voce* li jsiru kontraeżamijiet iżda dan ma sarx għal Johanna Abela. Il-Bord huwa kompost minn impjegati imlaħqa fil-Bank.

39. L-appellata tgħid li l-aqwa prova tal-bidla ngħatat minn William Portelli. Tgħid li a *tempo vergine* quddiem il-Bord William Portelli esklama li huwa ma kienx jaf bit-tibdiliet iżda dan, skont l-attriċi appellata, biddel il-verżjoni tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti. Tgħid ukoll li hija ġiet imċaħħda milli tressaq xhieda in difesa minn ġol-Bank stess u għalhekk mhux id-dritt ta' kontroeżami biss itteħdilha. Tinsisti li hija riedet tressaq impjegati bħala xhieda ġaladarba l-Bank ma riedx li jattendu klijenti. Tinsisti li mistoqsijiet in kontroeżami bil-miktub ma jistgħux jitqabblu ma' ittra rogatorji għaliex dawn tal-aħħar isiru taħt kontroll ta' uffiċjali indipendenti li jkollu kariga ta' Maġistrat. Dak li l-Bank qed jissuġġerixxi huwa kontroeżami *tramite* terzi. L-appellata tinsisti li sabiex ikun hemm *procedural fairness*, il-kontro-eżami jrid isir *viva voce* u jitressqu x-xhieda tad-difiża. Rigwardanti l-aggravju tal-appellant li l-attriċi tħalliet tara l-*files*, l-attriċi appellata tinsisti li mhux minnu li hija kienet diġà rat il-*files* kollha li kienu qegħdin jiġu investigati, hija riedet tara dawk il-*files* li setgħu jgħinuha fid-difiża tagħha. Taħt dan l-aggravju l-attriċi appellata tikkonkludi li Martin Wilkins flimkien ma' John Hackett kienu li ħadu d-

deċiżjoni li jitmexxew il-proċeduri ta' dixxiplina fil-konfront tagħha, dan iwassal sabiex Martin Williams ma jkunx imparzjali meta kien Chairman tal-Bord tal-Appell.

**Konsiderazzjoni tal-Qorti dwar l-Ewwel Aggravju.**

40. Bħala punt ta' tluq tajjeb jingħad illi safejn l-aggravji tal-appellanti huma msejsa fuq kritika tal-apprezzament tal-provi da parti tal-Ewwel Qorti, hija regola stabbilita illi din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata sakemm ma jirriżultawx ċirkostanzi eċċezzjonali, jew meta jintwera li dak l-apprezzament ikun wieħed irraġjonevoli jew jekk jirriżulta illi l-apprezzament tal-fatti huwa kontradett mill-atti. Kif inżamm fis-sentenza **Antoine Spiteri v. Mario Vella et.** mogħtija minn din il-Qorti fil-15 ta' Novembru, 2023:

> Għandu jingħad mal-ewwel li, sa fejn l-appellant jilmenta mill-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, tajjeb li jiġi mfakkar li, din il-Qorti bħala Qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax faċilment id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti, sakemm ma tkunx manifestament żbaljata jew għax ikun hemm raġunijiet gravi biżżejjed, bil-konsegwenza li tkun ser titwettaq inġustizzja. Għalkemm din il-Qorti għandha tara u tifli l-valutazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti, m'għandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx

hemm raġunijiet tabilħaqq serji biex tagħmel dan. Il-funzjoni ta' reviżjoni li trid tagħmel din il-Qorti ma twassalx bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, bħallikieku ma sar xejn. Għall-kuntrarju, jekk jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti huwa wieħed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sinteżi tar-raġunament mibni fuq dawk il-provi u t-tħaddim xieraq tal-liġi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik id-diskrezzjoni. (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ottubru, 2023, fl-ismijiet **Citadel Insurance plc v. Shield Services Limited et** u l-ġabra ta' referenzi għas-sentenzi hemm magħmula).

41. Il-proċeduri ta' dixxiplina li ttieħdu mill-bank kontra l-attriċi saru ai termini tal-Ftehim Kollettiv applikabbli li kien ikopri ż-żmien mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Diċembru 2004, kopja ta' liema tinsab annessa mar-risposta ġuramentata tal-appellant.[33]

42. L-attriċi ġiet akkużata mill-bank appellant bi 'gross misconduct'. Skont klawsola 27 (b) tal-Ftehim Kollettiv imsemmi jingħad hekk fir-rigward ta' "Cases of Gross Misconduct": "Each case shall be heard by a Disciplinary Board set up for the purpose. The Board, which shall be independent in its deliberations, shall consist of a Chairman and two

[33] Fol 27 et seq tal-proċess.

memebrs. The Chairman shall be chosen on a rotation basis from managers in the M96 grade. The two (2) members are to be from managers in the M96 and M95 grades and appointed one by the Bank and the other by the Union on a rotational basis..”Imbagħad skont klawsola d intitolata ‘General Principles’: “i. Employees charged with any offence wil be given every opportunity to state their case and to be represented as follows: ... Gross Misconduct: a Union Official and/or a member of staff and/or an external advisor. The pesons assisting each employee shall not exceed two (2).”

43. In tema legali ssir referenza għal sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri), fl-ismijiet **Frederick Attard v. Malta International Airport plc et** fis-27 ta’ Mejju 2015, fejn iddikjarat illi “Ftehim Kollettiv huwa strument legali li jsaħħaħ ir-relazzjoni bejn min iħaddem u l-impjegat u huwa vinkolanti.” F’sentenza oħra tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) mogħtija fis-27 ta’ Frar 2009 fl-ismijiet **Joseph Silvio v. Corinthia Palace Hotel Company Limited**, il-Qorti qalet hekk dwar l-importanza tal-ftehim kollettiv fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn l-impjegati u min iħaddimhom:

> “Il-Ftehim Kollettiv huwa kuntratt li jiddixxiplina b’mod ġenerali r-rapporti tax-xogħol ta’ kategorija ta’ ħaddiema bl-intervent tal-Union li tirrappreżentahom. Huwa kuntratt importanti ħafna mhux biss għall-kontenut tal-kundizzjonijiet tax-xogħol pattwiti fih imma għaliex, fundamentalment, dawk l-istess kundizzjonijiet u d-dixxiplini l-oħra tiegħu għandhom jitqiesu r-regoli ta’ ġudizzju li jridu jiġu assunti meta tinsorġi xi kwistjoni jew problema bejn l-interessati. In kwantu kuntratt, il-Ftehim Kollettiv irid jiġi interpretat skont l-istregwa tad-dritt komuni u tal-kriterji ordinati tal-ermenewtika kontrattwali, għalkemm anke hawn, wieħed ma

> jridx iħalli jisfuġġi mill-viżjoni l-funzjoni tipika tar-regolamentazzjoni tan-normi partikolari applikabbli għas-settur, u allura għal dik il-prospettazzjoni interpretattiva li ttendi għall-kriterju tal-armonija tal-kumpless tad-dispożizzjonijiet tiegħu u tal-volontà komuni f'rapport tax-xogħol."

44. It-talba prinċipali tal-attriċi fir-rikors promotur hija l-ewwel waħda fejn talbet lill-Qorti "Tiddikjara illi l-investigazzjoni u l-proċess ta' dixxiplina kontra l-attriċi kienu manifestament inġusti u li jiksru l-prinċipji tal-ġustizzja naturali peress li l-Bank naqas li jagħti lill-attrici l-opportunità xierqa biex tiddefendi lilha nfisha sewwa u peress illi l-Bank iddiskrimina maghha u b'hekk il-Bank konvenut kiser id-drittijiet taghha."

45. Għalkemm fl-att promotur l-attriċi la ssemmi l-ftehim kollettiv u lanqas tallega ksur tiegħu, il-proċeduri li ttieħdu kontra l-attriċi kellhom l-ewwel u qabel kollox kellhom isegwu dak provdut fil-ftehim kollettiv.

46. Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa fondat l-aggravju tal-bank appellant dwar id-dikjarazzjoni tal-Ewwel Qorti li "mhijiex persważa li l-proċeduri ta' dixxiplina kienu just and fair" peress li l-attriċi ma tħallitx tagħmel il-"kontro-ezami". L-Ewwel Qorti waslet għal din il-konklużjoni wara li kkonsidrat illi mhux preċiżament korrett dak ritenut mill-bank appellant illi l-attriċi kellha l-fakoltà li tagħmel domandi bil-miktub lix-xhieda u dan peress li skont ittra tal-bank attur datata 24 ta' Ġunju, 2004, [34] il-bank kien informa lill-attriċi illi:

---

[34] Dok. DP1, fol. 315

*"As you are aware, this is an internal procedure and not a Court of law. Should Johanna have any points of clarification which she wishes to make with any individuals, she should raise her points with the disciplinary board, and should they believe that the matters raised are material to the case as outlines in the letter of charge, then the disciplinary board will seek any necessary clarification directly from the employees in the form of a written declaration."*

47. Din il-Qorti tagħraf illi filwaqt li Bord ta' Dixxiplina intern f'organizzazzjoni li tħaddem impjegati għandu jagħti l-fakoltà lil min ikun qed jiġi akkużat bi trasgressjoni tal-obbligi *qua* impjegat, li jiddefendi u jirribatti l-akkużi, fl-istess ħin dan ma hux proċess ġudizzjarju bis-salvagwardji tad-drittijiet fundamentali ta' smigħ xieraq kontemplati fil-Kostituzzjoni ta' Malta u fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-jedd pretiż mill-appellanti ta' kontroezami fi proċeduri interni ta' dixxiplina ma jeżistix. Kif ġie dikjarat mit-*Tribunal Amministrattiv tal-Organizzazzjoni Dinjinja tax-Xogħol* fis-sentenza **"B. v. FAO"** mogħtija fil-31 ta' Otttubru, 2023:

"According to the Tribunal's case law, the crossexamination of witnesses is not a requirement for the lawfulness of the investigation and the disciplinary proceedings, provided that due process be ensured by other means. In the present case, the Tribunal is satisfied that due process was respected, despite the fact that the complainant had no opportunity to cross-examine the witnesses. Indeed, he was informed of the precise allegations made against him and was provided with the verbatim records of the statements of the witnesses. He was thus able to confront and test the evidence, even though he was not present when the statements were made and was not able to cross-examine the witnesses who made them. Moreover, the investigation relied not only on the statements rendered by three witnesses, but also on documentary evidence."

48. Rilevanti wkoll illi kuntrarjament għal dak li qieset l-Ewwel Qorti fir-rigward, il-każ tal-appellanti ma kienx l-ewwel każ fejn fi proċeduri ta' dixxiplina kondott mill-bank appellant ġie eskluż il-kontroeżami. Eżami tal-atti tal-proċeduri quddiem il-Bord ta' Dixxiplina juri eżerċizzju li matulu, għalkemm l-attriċi ma ngħatatx il-possibilità li tagħmel domandi *viva voce* lil persuni li għamlu dikjarazzjonijiet bil-miktub, hija kellha kull opportunità li tgħid il-verżjoni tagħha sew dwar dak li intqal f'dawk l-istqarrijiet bil-mikutb kif ukoll dwar id-dokumenti kollha li l-bank ressaq quddiem il-Bord. Jirriżulta wkoll illi l-appellanti ingħatat l-opportunità illi tippreżanta lill-Bord "Addendum to Minutes of Meeting" tal-laqgħat tal-Bord ta' Dixxiplina.[35]

49. Il-ftehim kollettiv ma jgħid xejn dwar il-mod kif il-fatti għandhom jiġu kompilati mill-Bord ta' Dixxiplina. Rilevanti li kien il-president tal-*Malta Union of Bank Employees* (MUBE), William Portelli, li xhed illi din il-proċedura ta' mingħajr kontroeżamijiet ġiet adottata fil-każijiet minn qabel il-każ tal-attriċi. Jispjega illi fil-passat kienu nħolqu problemi meta ssejħu klijenti tal-bank sabiex jiġu mistoqsija *viva voce* waqt seduti tal-Bord ta' Dixxiplina. Il-Qorti għalhekk tqis illi filwaqt li huwa minnu li fil-passat impjegati tal-bank kienu jingħataw il-fakoltà li jagħmlu domandi *viva voce* waqt seduti tal-Bord ta' Dixxiplina, din il-prattika kienet twaqqfet bl-approvazzjoni tal-Union tal-Ħaddiema tal-Bank.

---

[35] Ara b'eżempju Addendum ta' Minutes of Meeting of 2 April 2004 u Minutes arising from Minutes of Meeting held on 2 April 2004, it-tnejn ippreżentati lill-Bord ta' Dixxiplina mill-attriċi.

50. L-attriċi tagħraf illi ingħatat il-fakoltà li tagħmel domandi bil-miktub lil min għamel dikjarazzjoni bil-miktub u li rrifjutat peress li qieset illi d-domandi kellha tagħmilhom *viva voce*. L-Ewwel Qorti, bħall-attriċi, ma qisitx tali soluzzjoni sodisfaċenti. Tajjeb li jiġi sottolineat illi l-jedd ta' kontroeżami jitwieled fi proċeduri ġudizzjarji meta jingħataw it-testimonjanzi taħt ġurament.[36] Fil-proċeduri ta' dixxiplina in dizamina ma jingħatax il-ġurament. Il-Ftehim Kollettiv huwa sajjem għal kollox fir-rigward. F'tali ċikostanzi irid jinżamm bilanċ bejn l-interessi tal-ħaddiem li jkun qed jiġi akkużat matul proċedura interna u l-interessi tal-azjenda b'mod ġenerali kif ukoll l-interessi tal-impjegati l-oħra. Il-Qorti tqis illi f'dawk iċ-ċirkostanzi l-fakoltà mogħtija lill-attriċi illi fi proċeduri ta' dixxiplina tagħmel domandi bil-miktub lil persuni li għamlu dikjarazzjonijiet bil-miktub kienet tissodisfa r-rekwiżit ta' proċess ta' dixxiplina ġusta. Ir-rifjut da parti tal-attriċi illi tagħmel tali domandi bil-miktub ma kienx ġusitifkat. Kif rajna, ma hemmx jedd ta' kontroeżami fi proċeduri interni ta' dixxiplina.

51. Tqis għalhekk l-ewwel ras tal-ewwel aggravju bħala fondat.

[36] Ara b'eżempju Artikolu 579 Kap. 12: "Il-parti kuntrarja tista' tagħmel kontro-eżami lix-xhud; u f'dan il-kontro-eżami tista' tagħmel mistoqsijiet diretti jew suġġestivi."

52. Fit-tieni ras tal-ewwel aggravju tiegħu l-bank appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti ikkonsidrat ħażin l-ilment tal-attriċi li kien jirrigwarda l-aċċess għall-*files.* Jgħid illi filwaqt li l-ilment tal-attriċi kien li t-talba tagħha sabiex teżamina il-files imsejħa *completed files* jew *completed investments* kienet ġiet miċħuda, l-Ewwel Qorti *kkonsidrat dan l-ilment bħala ċaħda tal-bank konvenut għall-produzzjoni tal-completed files* jew *complted investments* waqt il-proċeduri ta' investigazzjoni mill-Bord ta' Dixxiplina. L-Ewwel Qorti qieset illi l-Bord ta' Dixxiplina kellu jieħu in konsiderazzjoni mhux dawk il-*files* li dwarhom kienu ttieħdu l-passi dixxiplinarji iżda wkoll fil-*files* imsejħa "completed files". L-Ewwel Qorti qieset illi matul l-investiazzjoni tiegħu il-Bord ta' Dixxiplina kellu jilqa' t-talba tal-attriċi sabiex jiġu prodotti "completed files" tagħha kif ukoll "incomplete files" tal-kollegi tagħha PCMs. Għalhekk l-Ewwel Qorti qieset illi l-proċess kondott mill-Bord ta' Dixxiplina ma kienx 'just and fair' peress illi ma sarx eżami oġġettiv fuq ix-xogħol tal-attiċi kif ukoll li ma sarx eżami komparattiv mal-*files* tal-kollegi tal-attriċi.

53. Din il-Qorti tqis dan l-aggravju fondat. Il-Bord ta' Dixxiplina ma kienx qed jagħmel eżerċizzju komparattiv bejn l-operat tal-attriċi u l-operat tal-kollegi tagħha. Taħt skrutinju kienet l-attriċi. Meta taqra l-atti tal-Bord ta' Dixxiplina huwa mimli b'sejbien ta' nuqqasijiet da parti tal-attriċi. Fil-kawża odjerna l-attriċi ddikjarat kemm-il darba illi hija qed tattakka l-proċedura li intużat irrispettivament mill-eżitu tagħha. Il-mertu

dwar xiex kienet akkużata quddiem il-Bord ta' Dixxiplina l-attriċi emfatikament teskludi li resqitu quddiem il-Qorti. Huwa minnu illi quddiem il-Bord ta' Dixxiplina ma sarx eżerċizzju komparattiv kif talbet l-attirċi; iżda jirriżulta li l-Bord tal-Appell għamel eżerċizzju komparattiv sabiex ħareġ jekk in-nuqqasijiet tal-attriċi kienux fil-limiti tal-medja jew le meta komparat ma hidmet il-PCMs l-oħra. Ħareġ illi anke meta komparat max-xogħol ta' PCMs oħra "Following a review of all PCM files the Appeals Board's findings agreed that JA had above-average numer of ID related inefficiencies and Contact log issues when compared to the other PCMs". Jirriżulta wkoll illi l-Bord tal-Appell eżamina l-ilment tal-attriċi illi d-dewmien fix-xogħol tagħha ma kienx tort tagħha imma tort da parti tas-Senior Private Client Manager, u sab illi l-verzjoni tal-attriċi ma kenitx korretta. Kif intqal fis-sentenza ***Sainsbury's Supermarket Ltd vs Hitt*** ċitata mill-bank appellant: "the band of reasonableness approach applies to the conduct of investigations much as to other procedural and substantive decisions to dismiss a person from his employment for conducts. Thus provided an employer carries out an appropriate investigation, gives the employee a fair opportunity to explain his conduct etc., it would be wrong for an employment tribunal to suggest that further investigations should have been carried out for by doing so, they are substituting their own standards of what was an adequate investigation for the standard that could be objectively expected from a reasonable employer."

54. Fit-tielet ras tal-ewwel aggravju l-bank appellat jgħid illi l-Ewwel Qorti konkludiet ħażin li l-Bord tal-Appell ma kienx imparzjali għaliex kien immexxi minn Martin Wilkins. Skont l-Ewwel Qorti il-Bord tal-Appell ma kienx imparzjali peress li kien immexxi mill-istess persuna li flimkien ma' uffiċjal ieħor tal-bank ħa d-deċiżjoni li jinħarġu ċ-*charges* kontra l-attriċi.

55. Il-bank appellant jgħid illi Wilkins ma kienx involut fl-investigazzjonijiet inizjali li waslu għal ħruġ taċ-*charges* kontra l-attriċi. Jgħid illi bħala Chief Operations Officer, Martin Wilkins ma kien bl-ebda mod involut fid-deċiżjoni tal-Prim' Istanza filwaqt li kien biss preżenti meta ttieħdet id-deċiżjoni minn John Hackett li tibda l-investigazzjoni u s-sospensjoni tal-attriċi. Jgħid li għalhekk meta ġie sabiex jiġi deċiż l-appell Martin Wilkins ma kienx influwnezat.

56. John B Hackett, Head of Wealth Mangement, xhed illi "A meeting was held on the 1st March 2004 between myself, the Chief Operating Officer, Mr Martin Wilkins, the Head of Human Resources, then Ms Christine Davies, and the Deputy Head of Human Resources then Mr Dominic Lewis, wherein it was decided that, on the basis of the evidence gathered up to that time, the previous investigation and the regulated nature of the work, Johana Abela should be suspended on full pay, pending the result of a full investigation and this in the light of multiple failings in procedures and dishonesty in her responses to questions put

to her about events surrounding such failings."[37] Qabel dik il-laqgħa Hackett kien għamel dak li huwa ddeskriva bħala "brief review" minn fejn irriżultalu illi 10% tar-referrals li saru lill-attriċi ma kienux ġew minnha azzjonati; dokumenti ta' identifikazzjoni tal-klijenti li ma kienux ċari; informazzjoni inkompleta; inkonsistenzi bejn l-informazzjoni li jkun ta l-klijent u l-informazzjoni li l-attriċi tkun niżlet; dewmien sabiex l-attriċi tikkomunika mal-klijenti; nuqqas ta' *follow up action*; u nuqqasijiet oħra. Irriżultalu wkoll illi li l-attriċi kienet diġà s-suġġett ta' investigazzjoni preċedenti li wassal għal rapport datat 26 ta' Settembru 2003

57. Huwa minnu illi Martin Wilkins kien parteċipi fid-deċiżjoni sabiex l-attriċi tiġi sospiża mix-xogħol bil-paga sħiħa pendenti. Huwa minnu wkoll illi kien parteċipi fid-deċiżjoni li l-attriċi titressaq quddiem Bord ta' Dixxiplina u tiġi akkużata bi "gross misconduct". Tali deċiżjoni ttieħdet minn Martin Wilkins flimkien ma' numru ta' uffiċjali oħra tal-bank abbazi ta' dak li kien diġà rriżulta lil John B. Hackett fl-indaġini preliminari. L-Ewwel Qorti kkunsidrat li ġialadarba Martin Wilkins kien ġia involut fid-deċiżjoni ta' sospensjoni tal-attriċi u d-deċiżjoni li tiġi investigata ulterjorment, allura l-Bord tal-Appell immexxi minn l-istess Martin Wilkins ma jilħaqx l-i*standard* meħtieġ sabiex il-proċedura tkun waħda ġusta.

[37] A tergo fol. 887

58. Skont il-Ftehim Kollettiv viġenti dak iż-żmien, senjatament **klawsola h**, "i. There shall be a right of appeal by the employee against the disciplinary action taken. Such an appeal should be made in writing .................In those cases heard by a Disciplinary Board, an Appeal shall be heard by a Board of Appeal set up for the purpose. The Board of Appeal sahll consist of the Chief Executive Officer or Chierf Operating Officer as Chairman, plust two members. The two (2) members are to be from mangers in the M96 or M95 grades not included in the original disciplinary hearing and appointed one by the Bank and the other by the Union on a rotational basis."

59. F'xenarju ta' passi dixxiplinari interni huwa diffiċli li l-persuni involuti fil-proċess ikunu persuni estranei għal kollox mill-każ. Il-Ftehim Kollettiv stess jistipula illi ċ-Chairperson tal-Bord tal-Appelli għandu jkun jew ic-Chief Executive Officer jew inkella c-Chief Operating Officer. Dawn il-karigi jirrappreżentaw l-impjegati per eċċellenza tal-bank konvenut. Huwa mistenni illi min iżomm tali karigi ser ikun parteċipi fid-deċiżjoni li impjegat jiġi investigat dwar allegazzjoni ta' ksur gravi tal-obbligi *qua* impjegat. Huwa mistenni wkoll li jkun parteċipi fid-deċiżjoni li pendenti l-proċeduri ta' smigħ tal-każ ta' dixxiplina sabiex l-impjegat jiġi sospiż mix-xogħol sakemm jispiċċaw il-proċeduri. Però Wilkins kien aktar minn hekk. Huwa flimkien ma' uffiċjali oħra tal-bank eżaminaw ir-riżultanzi ta' investigazzjoni preliminari li kienet saret dwar l-attriċi u ddeċidew li kien hemm biżżejjed provi kontra l-attriċi sabiex jinħarġu c-charges kontra

tagħha. Wilkins ħa wkoll id-deċiżjoni flimkien ma' uffiċjali oħra sabiex l-attriċi tiġi sospiża mix-xogħol bil-paga sħiħa pendenti l-proċeduri ta' dixxiplina li kienu ser jinbdew kontra tagħha.

60. Huwa minnu illi klawsola h (i) tal-ftehim kollettiv tistipula li l-membri tal-Bord tal-Appell m'għandhomx ikunu membri tal-Bord ta' Dixxiplina li ddeċieda l-każ appellat u ma tistipula l-ebda restrizzjonijiet oħra. Però b'daqshekk ma jfissirx li ma kienx persuna preġudikata minħabba l-irwol attiv li kien diġà ħa fil-konfront tal-attriċi.

61. Rilevanti dak li nżamm mill-*Employment Appeal Tribunal* tar-Renju Unit fis-sentenza **Stodart v. F J Blisset Ltd** mogħtija fit-30 ta' Novembru, 2001:

> " .... (the appellant) submits that there was a procedural unfairness in that the appeal hearing took place before Mr Blissett who had investigated the matter originally. We have in mind decisions of this Employment Appeal Tribunal in Rowe v Radio Rentals Ltd **[1982] IRLR 177** and Byrne v BOC Ltd [1992] IRLR 505. It may be in extreme cases that the appeals manager is so involved in initial investigation as to render the dismissal unfair." (sottolinear ta' din il-Qorti).

62. Għalkemm il-Bord tal-Appell tal-bank konvenut ma hux qorti jew tribunal imwaqqaf b'liġi iżda Bord intern fi ħdan azjenda kummerċjali mwaqqf skont ftehim kollettiv, jekk membru tal-Bord tal-Appell kien involut fid-determinazzjoni illi almenu sal-livell ta' *prima facie* kien hemm nuqqas gravi da parti tal-attriċi li kien jammonta għall-*gross misconduct*, tali involviment jista' jitqies li kien jammonta għall parteċipazzjoni attiva fl-ewwel stadju tal-proċeduri ta' dixxiplina.

63. Issib għalhekk illi l-aggravju tal-bank konvenut in kwantu jirreferi għas-sejbin tal-Ewwel Qorti dwar il-Bord tal-Appell ma hux fondat u qed jiġi respint.

**It-tieni aggravju**

64. Fit-tieni aggravju l-Bank Appellant fisser li t-talbiet attriċi ma setgħux jintlaqgħu għax l-azzjoni kif impustata mhux sostenibbli; il-kawża ma kellhiex issir biss sabiex jiġu dikjarati nulli l-proċeduri ta' dixxiplina, iżda kellhom isiru fuq il-mertu wkoll. Il-Bank jinsisti li l-attriċi messha użat id-dritt mħolli lilha mill-ftehim kollettiv u pproċediet fuq il-mertu li hi ma kellhiex tinstab ħatja ta' *gross misconduct*. Il-bank jinsisti li l-attriċi kellha rimedju ieħor imsemmi fil-ftehim kollettiv u ċioè li tirrikorri quddiem il-Qorti jew tribunal Industrijali; ma tistax tallega li kien hemm nuqqas ta' *procedural fairness* meta lanqas eżawriet ir-rimedji tagħha fil-mertu.

65. L-attriċi appellata tinsisti li l-azzjoni hija dwar ċaħda ta' *procedural fairness* fejn it-Tribunal Industrijali m'għandux is-setgħa jiddeterminahom. L-appellata tgħid li l-ftehim kollettiv joffri rimedju quddiem it-Tribunal Industrijali meta jkun hemm tkeċċija mill-impjieg.

66. Jiġi sottolineat illi huwa dejjem il-persuna li tressaq l-azzjoni li tagħżel x'azzjoni għandha tieħu sabiex tipprevali l-jedd li tippretendi li għandha u f'tali għażla l-konvenut m'għandu l-ebda *voce in capitolo*. Kif

inżamm fis-sentenza ta’ din il-Qorti tal-20 ta` Mejju 2004 fl-ismijiet **Bonello Emmanuel A. C.P.A., A.C.A., Noe vs. Fenech Francis,** affermat il-prinċipju illi l-kawżali ta’ ċitazzjoni (illum rikors ġurament) jintgħażlu minn min ikun qiegħed jiftaħ il-kawża u mhux imħolli lill-konvenuti li, permezz tal-eċċezzjoni tagħhom, jgħidu li jmissha saret azzjoni mod ieħor.

67. Il-Qorti tagħraf illi l-attriċi aġixxiet fil-limiti tal-jeddijiet tagħha u ma tarax li kellha xi rbit bil-ftehim kollettiv x’azzjoni setgħat tieħu fil-konfront tal-bank konvenut.

68. Dan l-aggravju għalhekk qed jiġi respint.

**It-tielet aggravju**

69. Pemrezz tat-<u>tielet aggravju</u> tiegħu l-bank appellant jgħid illi r-rimedju ma kellux ikun wieħed monetarju iżda r-rimedju kellu jkun li l-Qorti tibgħat il-każ lura quddiem il-Bord ta’ Dixxiplina sabiex jerġa’ jiġi kkunsidrat fil-parametri ta’ dak deċiż fis-sentenza, stante li l-attriċi ma talbitx lill-Qorti tiddikjara fuq il-mertu. Taħt dan l-aggravju l-Bank appellant jagħmel referenza għal dak li ngħad mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-sentenza **Carmel Schembri v. Enemalta Corporation** kif ukoll għal deċiżjoni tal-Prim’Awla fl-ismijiet **Abdalla Ahmed Abdalla Bashshar v. Ministru tal-Affarijiet Barranin et**. Il-Bank jinsisti li filwaqt li fl-ewwel

talba qiegħed jintalab dikjarazzjoni li kien hemm nuqqas ta' *procedural fairness*, u filwaqt li fit-tieni talba qiegħed jintalab jiġi dikjarat null id-deċiżjoni tal-Bord ta' Dixxiplina, ir-rimanenti talbiet ma jsegwux mat-talbiet prinċipali.

70. Għal dan l-aggravju l-appellata tispjega li l-livelli ta' proċeduri dixxiplinarji ġew eżawriti kollha. Tgħid illi ma jistax ikun il-każ li l-kawża tmur lura quddiem il-Bord ta' Dixxiplina sabiex tiġi mistħarrġa mill-ġdid – hawn *non si tratta* awtorità pubblika vestita b'ċerti poteri u diskrezzjoni in forza ta' liġi.

71. Ġialdarba l-Ewwel Qorti ddikjarat nulli u bla effett il-proċeduri ta' dixxiplina meħuda kontra l-attriċi, l-attriċi kellha titqieghed fis-sitwazzjoni daqs li kieku dawk il-proċeduri ma ttieħdu qatt fil-konfront tagħha u dan permezz ta' riżarċiment tad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attriċi.

**Ir-raba' aggravju**

72. Permezz tar-<u>raba' aggravju</u> l-bank appellant jgħid illi m'hemm ebda ness bejn in-nuqqas ta' *procedural fairness* li sabet l-Ewwel -Qorti u l-kundanna għal ħlas ta' danni ikkalkulati bħala l-paga u l-*commissions* li tilfet l-attriċi. Il-Bank jikritika r-raġunament tal-Ewwel Qorti fejn ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi llum l-attriċi ma tistax tiddefendi r-reputazzjoni tagħha. Jinsisti li jekk il-proċeduri dixxiplinari ma jistgħux ikomplu kontra

l-werrieta "allura bl-istess argument lanqas ma kellha tkompli din l-azzjoni f'isem l-istess werrieta."[38] Il-Bank in oltre qiegħed jissuġġerixxi li semai kellhom jitkomplew il-proċeduri quddiem il-Bord in absentia tal-attriċi u l-kawża titkompla mir-rappreżentant tagħha (l-avukat u l-MUBE) tenut kont li x-xhieda għadhom ħajjin u jistgħu jixhdu in eżami u kontroeżami.

73. Għal dan l-aggravju l-appellata rrispondiet li l-fatt waħdu li n-nuqqas ta' *procedural fairness* kellu effett negattiv u b'konsegwenzi serji jagħtu lok għal ħlas ta' danni. Fir-rigward li l-azzjoni ma messhiex tkompliet mill-werrieta l-appellata tagħmel referenza għal prinċipju ta' *victim status* u tal-kawża **Micallef v. Malta** (2009).

74. Din il-Qorti tqis illi ġialdarba l-Ewwel Qorti iddikjarat null u bla effett il-proċess kollu ta' dixxiplina li kien ittieħed fil-konfront tal-attriċi, isegwi mhux biss is-sejbien ta' 'gross misconduct' ġie mħassar iżda wkoll is-sanzjoni inflitta kontra l-attriċi ġiet imħassra. Dik is-sanzjoni waslet għal danni sofferti mill-attriċi inkwantu ġiet trasferita għal sezzjoni tal-bank fejn ma kienx hemm commissons.

75. Issib għalhekk illi hemm ness bejn id-deċiżjoni tal-bank msejsa fuq id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell u d-danni konsegwenzjali sofferti mill-attriċi.

[38] Fol 1330 tal-proċess.

**Il-Ħames aggravju**

76. Fil-ħames aggravju l-bank jikkontesta l-mod kif ġew ikkalkulati d-danni u jinsisti li ġaladarba ma kienx ġie deċiż il-mertu, ma kellux jiġi likwidat d-dannu. Jinsisti li huwa "biss b'deċiżjoni fuq il-mertu li jista' jiġi żgurat li r-reputazzjoni tal-attriċi ma tibqax imċappsa indefinittivament jekk verament kellha raġun"[39]. Il-bank qasam dan l-aggravju fi tlieta.

i. Fl-ewwel inċiż il-bank fisser li danni ma ġewx ippruvati. L-attriċi ma sofriet ebda danni u ma ngħata ebda *demotion* u baqgħet fl-istess grad li kellha. Hija intbagħtet taħdem f'dipartiment ieħor li m'huwiex il-Wealth Mangament stante li dan tal-aħħar kien wieħed regorizament regolat. Nonostante li ġiet sospiża għal perjodu waqt l-investigazzjoni u l-proċedura ta' dixxiplina, hija baqgħet tirċievi l-paga b'mod sħiħ u setgħet daħlet lura għax-xogħol kieku riedet. Il-bank jagħmel referenza għas-sentenza **Stephen Galea vs. Frans Farrugia et** deċiża mill-Prim'Awla. Il-Bank osserva li kienet l-attriċi li għażlet li ma terġax lura x-xogħol u baqgħet fuq *sick leave* tul is-snin kollha sakemm ġiet nieqsa. Ingħad li huwa kellu kull dritt li wara sena fuq *sick leave*, ikkeċċiha mix-xogħol iżda m'għamilx din għal raġunijiet umanitarji wara li fis-sena 2011 mardet bil-kanċer. Il-bank josserva li l-Prim'Istanza donnha laqgħat it-talba għad-

[39] Fol 1331 tal-proċess.

danni għaliex l-attriċi ma setgħetx taħdem għax kienet tbati minn anzjeta b'tort tal-bank meta kienet il-Qorti stess li kkonkludiet li ma kienx minnu li l-proċeduri ta' dixxiplina kienu inbdew minħabba ritaljazzjoni fil-konfront tagħha. L-appellant josserva li Dr Peter Muscat identifika bħala l-kawżi prinċipali li kienet stressjata fuqhom l-attriċi kienu: d-*demotion,* li fil-fatt ma seħħitx, u d-dewmien sabiex jintemmu l-proċeduri. Jgħid li jirriżulta li l-attriċi marret għand Dr Muscat meta l-proċeduri ġew fi tmiemhom u ġiet informata biex terġa' tidħol għax-xogħol.

ii. It-tieni inċiż jirrigwarda *disciplinary measure* kontra l-attriċi. Il-bank spjega li l-attriċi tneħħiet minn *regulatory environment* fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-ftehim kollettiv taħt l-Artikoli 7 u 11 (a) u ċioè li l-bank għandu l-jedd jutilizza l-istaff kif l-aħjar għalih u ma jistax jirriżulta danni minn tali ċaqliq u impjegat ma jistax iressaq *grievance procedure* fuq ċaqliq. Għalkemm fis-settur l-ieħor setgħet tilfet id-dritt ta' *commission*, dan huwa biss privileġġ u mhux jedd tal-impjegat.

iii. L-aħħar inċiż jirrigwarda l-*quantum* ta' danni. Il-bank jinsisti li l-Qorti ikkalkulat id-danni minn Settembru 2004 meta l-bank ħallas *full pay* minn Settembru 2004 sa Marzu 2005 u nofs ħlas minn April 2005 s'Awwissu 2005. L-attriċi qatt ma resqet prova tal-introjtu u

għalhekk ma setgħetx tikkalkula d-danni fuq il-qligħ tal-PCMs l-oħra. Il-Qorti naqset milli tqis l-unika dokument ta' introjtu li kien jirreferi għal *performance bonus* li kienet ammont ferm baxx meta ikkomparat mal-*commission* tal-kollegi tagħha. L-offerta tal-bank kienet ta' Lm58,000 (paga u *commission* ta' tliet snin). Il-Bank jgħid li dan il-metru kellha tuża l-Ewwel Qorti.

77. Min-naħa tagħhom l-appellati jgħidu illi s-sentenza **Stephen Galea v. Fran Farrugia** mhux applikabbli għal każ odjern u dan għaliex il-fatti huma kemxejn differenti. L-appellata tgħaddi sabiex tagħmel referenza għal dak li qal Dr Peter Mucat fis-sens "li l-marda u l-mewt tagħha segwew perjodu li fih il-proceduri dixxiplinarji kissruha lil Johanna Abela minhabba sens ta' inġustizzja u stress kbir, anke minhabba d-dewmien."[40] L-appellata tinsisti li tneħħija tagħha minn ambjent regolat kien ta' umiljazzjoni għaliha u l-likwidazzjoni tad-danni kienet riżultat dirett ta' proċeduri dixxiplinarji mmexxija b'mod inġust. Fir-rigward tal-*quantum* l-appellati jgħidu li nġabet prova konkreta permezz ta' diversi xhieda dwar il-livell ta' remunerazzjoni u *commissions*. Is-somma ta' €58,000, offruta mill-bank, kienet biss frazzjoni ta' dak li l-attriċi tilfet, aktar u aktar meta hija kellha fost l-ogħla *records* ta' introjtu mqabbla mal-kollegi tagħha fl-istess taqsima. Ingħad li l-Bank kellu jikkonfronta l-ħaddiema dwar l-introjtu tagħhom kemm-il darba l-bank deherlu li l-impjegati m'humiex

[40] Fol 1369 tal-proċess.

jgħidu s-sewwa; il-Bank kellu jġib dik il-prova. L-attriċi tinsisti ukoll li l-miżuri dixxiplinari kienu ta' umiljazzjoni kbira.

78. Dan l-aggravju huwa *in parte* fondat. L-attriċi qatt ma ġiet imkeċċija mill-impieg tagħha mal-bank konvenut. L-Ewwel Qorti irrikonoxxiet illi l-attriċi ġiet sospiża b'paga sħiha fl-1 ta' Marzu 2004 liema sospensjoni ġiet fi tmiemha fit-13 ta' Settembru 2004 u fil-15 ta' Settembru, 2004 l-attriċi ġiet mitluba tirritorna għax-xogħol fil-posizzjoni ta' *Premium Relationship Manager* fl-istess grad u bl-istess paga però fejn ma kienx hemm *commissions*. Fl-14 ta' Settembru 2004 l-attriċi ħarġet bis-*sick leave*, irċeviet sitt xhur *full pay* imbagħad mit-3 ta' Marzu 2005 sal-20 t'Awwissu 2005 irċeviet nofs il-paga biex sussegwentement waqgħet taħt il-kategorija *sick leave with no pay*.

79. Għalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti illi fil-komputazzjoni tad-danni ħadet in konsiderazzjoni l-paga mill-15 ta' Settembru 2004 (meta l-attriċi ħarġet bis-*sick leave* ) u s-27 ta' Mejju 2011 (id-data meta l-attriċi ma baqgħetx tattendi l-Qorti minħabba marda terminali).

80. Fi kliem l-Ewwel Qorti stess l-attriċi naqset milli tressaq provi dwar il-paga u l-*commissions* tagħha fi snin anteċedenti l-akkadut. Fin-nuqqas tal-provi li kien l-oneru tal-attriċi li tressaq, l-Ewwel Qorti għażlet li tieħu in konsiderazzjoni d-dħul l-aktar baxx citat mill-PCMs l-oħra. Din il-Qorti ma

taqbilx għal kollox ma' dan ir-raġunament. Huwa inspjegabbli kif l-attriċi resqet il-prova tad-dħul tal-PCMs l-oħra u ma resqitx il-prova dwar id-dħul tagħha sabiex wieħed jara eżatament x'kienet qed iddaħħal bħala *commissions*.

81. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis li filwaqt li tilqa' parzjalment dan l-aggravju, tillikwida *arbitrio boni viri* d-danni fis-somma ta' mitt elf ewro.

**Is-Sitt aggravju**

82. Is-sitt aggravju huwa fejn laqgħet il-parti tat-tielet talba li l-Bank għandu joħroġ ċirkolari biex ineħħi kull tebgħa jew dell ta' ħtija minn fuq l-attriċi, aktar u aktar meta ma ngħatatx deċiżjoni fuq il-mertu. Il-bank spjega li żamm l-investigazzjoni u l-proċeduri ta' dixxiplina kunfidenzjali tant li anke l-PCMs l-oħra ma kinux jafu għalfejn waqfet tmur ix-xogħol l-attriċi. *In oltre* ġaladarba ma kienx hemm deċiżjoni fil-mertu, ikun inġust li tinħareġ tali ċirkolari.

83. Din il-Qorti tqis dan l-aggravju fondat. Il-proceduri ta' dixxiplina fil-konfront tal-attriċi nżammew kunfidenzjali mill-bank u għalhekk il-ħruġ ta' ċirkolari huwa kontro produttiv u mhux fl-interess issa lanqas tal-memorja tagħha.

**Decide.**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda tilqa' in parte l-ewwel aggravju u tiċħdu fir-rigward tal-ħatra ta' Martin Wilkins fuq il-Bord tal-Appell; tiċħad it-tieni aggravju; tilqa' t-tielet u r-raba' aggravju; tilqa' parzjalment il-ħames aggravju u tilqa' s-sitt aggravju; tvarja s-sentenza appellata billi (i) tiċħad parzjalment l-ewwel talba safejn intalab li l-bank konvenut iddiskrimina kontra l-attriċi; (ii) tiċħad it-tielet talba; (iii) tiċħad *in parte* r-raba' talba attriċi in kwantu intalab kundanna dwar ħsara psikologika serja; (iv) tvarja l-ammont ta' danni likwidati għas-somma ta' mitt elf ewro (€100,000) minflok l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti u bl-istess mod tvarja l-ammont li l-bank konvenut qed jiġi kkundannat iħallas lill-appellati; u tikkonfermaha fil-kumplament.

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss